MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 52/2011/1

**Leonard Cassar**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Leonard Cassar tas-27 ta' Dicembru 2012 li jghid hekk:
Illi permezz tal-applikazzjoni numru 1176/2000, ir-ritrattand ressaq applikazzjoni ghal estensjoni ta' bini ezistenti fi Pjazza Sant' Anna, Tas-Sliema quddiem ir-ritrattata l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, liema applikazzjoni kienet giet approvata fl-2001;

Illi wara li inbdew ix-xogholijiet fuq il-bini in kwistjoni skond il-permess kif mahrug mill-Awtorita, l-istess Awtorita permezz ta' decizjoni tat-8 ta' Gunju 2006 ai termini ta'

artikolu 39A tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta ddecidiet illi l-permess surreferit, liema permess kien diga gie approvat, kellu jigi modifikat, u l-appellant intalab jissottometti pjanti emendati;

Illi l-Bord tal-Awtorita ibbaza d-decizjoni tieghu u l-applikazzjoni ta' artikolu 39A fuq l-allegazzjoni ta' misrapprezentanza ta' informazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-bini in kwistjoni;

Illi l-applikant (ilium ritrattand) hass ruhu aggravant b'din id-decizjoni u ghaldaqstant interpona appell quddiem l-Onorevoli Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, liema Tribunal sussegwentement permezz tad-decizjoni tat-13 ta' Ottubru 2011 cahad l-appell u kkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita moghtija nhar it-8 ta' Gunju 2006;

Illi r-ritrattand hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk interpona appell mill-istess decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri);

Illi permezz tas-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2012, il-Qorti tal-Appell iddisponiet mill-appell billi cahdet l-istess appell u ikkonfermat id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-13 ta' Ottubru 2011;

Illi r-ritrattand hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk qieghed jinterponi l-presenti umili rikors biex l-istess sentenza tigi ritrattata;

Illi r-ritrattand jixtieq l-ewwel nett jattakka l-kap tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet fuq il-mertu billi cahdet l-appell tal-appellant u ikkonfermat is-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;

Illi r-ritrattand jissottometti bir-rispett illi s-sentenza attakkata hija l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u b'hekk hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-fuq imsemmija sentenza a tenur tal-artikolu 811(l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ;

Illi r-ritrattand jissottometti ulterjorment illi s-sentenza ritrattata tikkontjeni fiha applikazzjoni zbaljata tal-ligi u ghalhekk hemm u kolllok ghar-ritrattazzjoni taI-istess sentenza a bazi tal-artikolu 811(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi r-ritrattand jissottometti ukoll illi s-sentenza ritrattata giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba u ghalhekk hemm ukoll lok ghar-ritrattazzjoni tal-istess sentenza a bazi tal-artikolu 811(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fil-fatt id-decizjoni hija bbazata fuq fatt li huwa eskluz rnill-atti stess tal-process. Dan il-fatt huwa determinanti u jirrizulta minghajr ebda dubju mill-process. Illi fil-fatt verifika qasira turi Ii I-pjanta sottomessa tal-izvilupp kienet turi I-posizzjoni kollha korretta u ghad-differenza ta' dak Ii kkonkludiet I-Onorabbll Qorti tal-Appell ma kienx hemm allegazzjoni li dik il-pjanta ma kienitx korretta. L-allegazzjoni ma kienitx dwar il-pjanta tal-izvilupp per se imma dwar elementi ohra li I-kwistjoni dwarhom kienet kellhomx jintwerew fil-pjanta tal-izvilupp. II-kliem uzat mill-Qorti juri Ii din iffraintendiet il-portata tal-aggravju tar-rittrattand u assumiet bhala fatti, fatti Ii la kienu pruvati u lanqas allegati u li certament bl-ebda mod ma jirrizultaw mill-atti tal-process. Anzi mill-atti tal-process u mill-pjanti jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju li I-pjanti Ii kienu sottomessi mir-ritrattand lill-Awtorita kienu sostanzjalment korretti u mhux erronei. Ghalhekk huwa car li d-decizjoni in kwistjoni hija I-effett ta' zball li jidher mill-atti, ghaliex mill-istess atti jirrizulta Ii I-pjanta kienet korretta u dak li ddecidiet il-Qorti ma jirriflettix dan. Infatti I-Onorabbli Qorti ddecidiet testwalment Ii: "u f'dan il-kaz jirrizulta li I-pjanti sottomessi ma kienux jaghtu stampa cara tas-sit u I-izvilupp propost u dan ghaliex is-site plan kif pprezentata ma kienitx turi I-footprint kollha fejn kien propost li jsir I-izvilupp il-gdid peress Ii I-linja tal-izvilupp kienet murija bhal dik ta' gewwa u mhux dik ta' barra, u wkoll li I-pjanti tal-applikazzjoni kienu jaghtu x'jifhem li I-izvilupp kien diga' qieghed mibni fuq il-linja ta' barra fuq it-tlett livelli ezistenti." Issa dan imur anke oltre dak Ii sabet I-istess Awtorita. Meta I-Qorti ddecidiet Ii "I-pjanti sottomessi ma kienux jaghtu stampa carat tas-sit" kienet qieghda

tiddeciedi xi haga li hija eskluza mill-atti tal-process u dan ghaliex sija l-pjanti innifishom li hemm fil-process huma xhieda ta' dan sija ukoll billi l-Awtorita innifisha ma ddecidietx dan imma ddecidiet biss li kellhom jintwerew affarijiet ohra f'dawk il-pjanti li ma kienux strettament appartenenti ghas-sit li kien qieghed jigi zviluppat;

Illi inoltre s-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2012 applikat il-ligi hazin. Is-sentenza ddecidiet b'applikazzjoni tal-artikolu 39A tal-Kap. 356. Issa huwa appena necessarju li wiehed jinghad li dak l-artikolu ilu abbrogat mill-2010 u ma setax jigi applikat daqs li kieku ghadu fis-sehh u dak ghal liema kellha taghmel riferenza l-Qorti tal-Appell huwa l-Att dwar l-Interpretazzjoni biex jivvalutaw fit-termini ta' dik il-ligi il-portata ta' att abrogat jew jikkonsidraw kienx applikabbili l-artikolu tal-att il-gdid dwar l-ippjannar ghal din il-kwistjoni. Dwar dan ma hemm xejn fis-sentenza u dan certament huwa zball ta' ligi ghaliex ligi abrogata ma tisax tigi applikata daqs li kieku ghadha fis-sehh. Huwa car illi fil-mument meta l-Qorti ddecidiet li tapplika l-artikolu 39A dak l-artikolu ma kienx ghadu fis-sehh u ma setax jigi applikat. Inoltre f'dak il-mument ma kienx ghad hemm decizjoni definittiva dwar jekk kienx hemm 'frodi' jew le, u allura l-Qorti ma setghetx tistrieh fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 39A mill-Awtorita jew mit-Tribunal u tieqaf hemm ghaliex l-azzjoni taht l-artikolu 39A ma setghet bl-ebda mod tittiehed bhala definittiva. Barra minn hekk, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 39A qatt ma seta' jigi applikat fil-konfront tar-ritrattand u l-permess akkwizit minnu ghaliex fil-mument meta huwa ssottometta l-applikazzjoni tieghu u l-pjanti relattivi dak l-artikolu ma kienx jezisti u ghalhekk ma kienx espost ghall-konsegwenzi li dak l-istess artikolu seta' jgib mieghu. Kwindi l-artikolu 39A kien dejjem eskluz milli jaffettwa b'xi mod l-applikazzjoni tar-ritrattand;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2012 applikat il-ligi hazin ukoll ghaliex se mai jekk kellu tassew japplika l-artikolu 39A tal-Kap. 356 il-Qorti kellha tapplika l-proviso tad-definizzjoni ta' 'frodi' u mhux id-definizzjoni sic et simpliciter. Fi kliem iehor, is-sentenza ritrattata applikat

dik il-parti tal-artikolu 39A(2) fejn kien jiddefinixxi 'frodi' bhala 'is-sottomissjoni lill-Awtorita ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni taghha li a bazi taghha l-Awtorita tkun harget il-permess ghall-izvilupp meta dik l-injormazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta hija falza, qarrieqa jew mhux korretta, sew jekk dak l-ingann ikun ir-rizultat ta' att doluz jew negligenti'; mentri se mai kellu jigi applikat il-proviso tal-istess subartikolu li kien jghid illi 'l-Awtorita ma ghandhiex tirrevoka jew tibdel permess ghall-izvilupp fuq il-bazi to' frodi fejn l-informazzjoni frawdolenti ma kellha l-ebda incidenza materjali fuq il-hrug tal-permess ghall-izvilupp'. Huwa car illi dak li ittiehed bhala misrapprezentazzjoni qarrieqa mhux talli ma kienx qarrieq izda talli ma seta kellu ebda incidenza materjali fuq id-decizjoni originali tal-Awtorita minhabba illi mill-assjem tal-pjanti dawn setghu biss jigu interpretati b'tali mod li jaghtu stampa ta' kif effettivament kien il-bini u kif effettivament kien sejjer isir l-izvilupp. Dan irrikonixxieh it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar stess meta fit-13 ta' Ottubru 2011 stqarr illi 'dawn id-difetti fl-applikazzjoni setghu facilment gew rilevati mill-case officer li, skond l-appellant, kien l-istess wiehed li pprocessa l-applikazzjonijiet li kien hemm fuq is-sit qabel u li allura suppost li kien jaf dan is-sit sew [...] It-Tribunal jaqbel mal-appellant li huwa stramb hafna kif f'dak it-tul ta' zmien kollu li damet tigi pprocessata din l-applikazzjoni hadd minn nies teknici tal-Awtorita ma induna bil-problemi li kienet ser tohloq din l-applikazzjoni.' Kwindi jekk bil-pjanti kif sottomessi xorta wahda kien car kif l-izvilupp kien sejjer isir, u dan kif spjega ukoll fid-dettall il-Perit Calleja, mhux minnu li l-pjanta in kwistjoni kellha incidenza materjali fuq il-hrug tal-permess u ghalhekk kellu jigi applikat il-proviso tal-artikolu 39A tal-Kap. 356, dejjem jekk dan l-artikolu jigi ikkunsidrat bhala li seta' jigi applikat minkejja l-abrogazzjoni tieghu;

IIli inoltre, ta' min jinnota li jekk kien hem m xi negligenza din ma kienitx negligenza ai termini tad-definizzjoni ta' frodi skond l-artikolu 39A stante illi skond dak l-artikolu n-negligenza trid tkun tal-applikant li jissottometti l-pjanti izda ma tistax tkun tal-Awtorita nfisha. Meta t-Tribunal qal illi 'huwa stramb hafna kif f'dak it-tul ta' zmien kollu li

damet tigi pprocessata din l-applikazzjoni hadd minn nies teknici ta' l-Awtorita ma induna bil-problemi li kienet ser tohloq din l-applikazzjoni', jidher illi n-negligenza kienet tal-Awtorita li naqset li tara l-affarijiet bil-galbu, u mhux tal-applikant illum ritrattand. Minkejja dan is-sentenza ritrattata injorat dan kollu u mxiet daqs li kieku n-negligenza kienet tal-applikant illum ritrattand. Hawn ukoll hawn applikazzjoni hazina tal-ligi;

Illi inoltre bir-rispett kollu l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-2 ta' Ottubru 2012 applikat il-ligi hazin fic-cahda tat-tiel et aggravju. Fil-fatt l-aggravju gie bir-rispett fra intiz mill-Onorabbli Qorti. L-aggravju tal-esponent ma kienx limitat ghall-poteri tat-Tribunal innifsu imma ghall-applikazzjoni tal-ligi dwar is-smigh xieraq u dak li huwa ultra petita. Dato ma non concesso li t-Tribunal kellu l-poteri li tattribwilu l-Onorabbli Qorti jew li t-Tribunal attribwixxa lilu nnifsu, dan ma jfissirx li t-Tribunal jista' jipprocedi ghad-decizjoni minghajr ma jkun hemm avviz lill-parti dwar il-materja li ser tigi deciza. Infatti fil-procedura prezenti ma kien hemm evidentement l-ebda appell mid-decizjoni tal-Awtorita mill-Awtorita innifisha (u logikament lanqas seta' jkun hemm) u l-appell li ghamlu terzi minn dik id-decizjoni gie mit-Tribunal stess respint. L-unika materja sottomessa ghad-decizjoni lit-Tribunal kienet il-kwistjoni mqajma mill-appellant innifsu li l-Awtorita kienet eccediet il-poteri fuqha konferiti. L-unika kwistjoni li seta' legittimament jiddecidi t-Tribunal kienet dik il-kwistjoni li kienet lilu riferita. Bil-mod kif mexa t-Tribunal gie li ddecieda ultra petita u ddecieda kwistjoni li dwarha l-partijiet ma kellhomx l-opportunita li jaghmlu sottomissjonijiet. Bid-decizjoni taghha l-Qorti naqset li tapplika r-regoli tal-ligi dwar l-ultra petita u dwar il-parametri ta' smigh xieraq; huwa f'dan is-sens li l-Onorabbli Qorti, bir-rispett, applikat il-ligi hazin. Bil-kemm hemm bzonn jinghad li l-ligi tal-procedura tistabbilixxi li decizjoni ma ghandiex tiddeciedi affarijiet mhux espressament mitluba u l-artikolu 812 tal-Kap. 12 stess dwar ir-ritrattazzjoni jaghti dritt ghar-ritrattazzjoni fejn ikun hemm decizjoni ultra petita. Il-Qorti lanqas applikat ir-regola li tinsab fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fondamentali jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Id-decizjoni tmur anke kontra dak provdut fil-hames regolament tat-tieni skeda tal-Kapitolu 504 li ma jidhirx li saret riferenza ghaliha mill-Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha. Wiehed irid jinnota li t-Tribunal fid-decizjoni tieghu ma llimitax ruhu ghall-appell maghmul mill-applikant (illum ritrattand) izda ghadda biex jordna modifiki tal-permess li kienu differenti mill-modifiki li kienet irrikjediet l-Awtorita, u dan meta ma kien hemm ebda talba f'dak is-sens fil-proceduri tal-appell ghal quddiem it-Tribunal. Meta imbaghad l-applikant (illum ritrattand) appella quddiem il-Qorti tal-Appell u bhala wiehed mill-aggravji tieghu qajjem il-kwistjoni li t-Tribunal kien iddecieda ultra petita, l-appell kien limitat ghall-kwistjoni jekk l-Awtorita kienitx validament applikat l-artikolu 39A jew le, u ma kien hemm ebda appell dwar il-modifiki nnifishom li l-Awtorita kienet ordnat li jsiru lill-permess. Ghalhekk it-Tribunal ma seta' qatt jistharreg materja li ma kienx hemm aggravju dwarha ghaliex it-Tribunal jista' biss jiddeciedi dak li hu quddiemu migjub biex jiddeciedi, u jekk jiddeciedi hwejjeg ohra dan ikun barra mill-mansjoni tieghu u bi vjolazzjoni tar-regoli ta' smigh xieraq. Ghalhekk l-applikant (illum ritrattand) appella fuq dan il-punt quddiem il-Qorti tal-Appell (u hawnhekk ir-ritrattand jaghmel referenza pjena ghat-tielet aggravju tieghu fir-rikors tal-appell tieghu mid-decizjoni tat-Tribunal) izda dan l-aggravju gie totalment skartat mill-istess Qorti tal-Appell tant li dik il-Qorti lanqas biss dahlet fil-kwistjoni imqajma mir-ritrattand u minflok iddecidiet li tara jekk kienx hemm smigh xieraq minhabba li ma kienx instema' George Delmar, mentri x-xhieda ta' George Delmar ma kellha assolutament xejn x'taqsam mal-aggravju dwar l-utra petita u n-nuqqas ta' smigh xieraq, u fil-fatt dan lanqas biss kien issemma fir-rikors tal-appell ghal quddiem il-Qorti tal-Appell. Kwindi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell innifisha naqset li taghti smiegh xieraq lir-ritrattand meta applikat il-ligi dwar l-ultra petita hazin billi naqset li tapplika r-regoli fuq imsemmija biex tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal ultra petita;

Illi ghall-istess ragunijiet appena esposti fil-paragrafu precedenti s-sentenza ritrattata effettivament iddecidiet aggravju li qatt ma gie mressaq quddiemha, fis-sens illi l-aggravju li ddecidiet il-Qorti tal-Appell ma kienx l-aggravju

li ressaq ir-ritrattand u ghalhekk is-sentenza ritrattata ddecidiet dwar haga li ma kienitx imdahhla fit-talba tar-ritrattand biex id-decizjoni tat-Tribunal tigi revokata. L-aggravju tar-ritrattand kien dwar il-fatt li t-Tribunal agixxa ultra vires u minghajr gurisdizzjoni u mar ultra petita. Il-Qorti tal-Appell pero ddecidiet dwar jekk ir-ritrattand kienx inghata l-opportunita li jressaq ix-xhieda tieghu u jekk kellux smigh xieraq. Dan ma kienx dak li tqajjem fl-aggravju pertinenti maghmul mir-ritrattand. Kwindi s-sentenza ritrattata giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba u ghalhekk hemm ukoll lok ghar-ritrattazzjoni tal-istess sentenza a bazi tal-Artikolu 811(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi per konsegwenza tad-decide dwar il-mertu l-Qorti tal-Appell qatghetha li ladarba ma tatx ragun lill-attur (illum ritrattand) l-ispejjez tal-kawza kellhom jigu mhallsa interament mill-attur ritrattand. Peress illi kif diga inghad is-sentenza attakkata fil-parti fejn iddecidiet il-mertu hija rizultat ta' zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza u ta' applikazzjoni zbaljata tal-ligi, il-kap tal-ispejjez necessarjament ukoll huwa effett ta' zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza;

Illi ghalhekk ir-ritrattand jixtieq ukoll jattakka l-kap tal-ispejjez ghar-ragunijiet appena premessi;

Ghaldaqstant ir-ritrattand, filwaqt li jaghti kull garanzija mehtiega rnil-ligi, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha

1. Tirrexxindi u thassar is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tad-9 ta' Jannar 2009 u dan minhabba li hija vizzjata kif inghad hawn fuq u dan ghat-tenur tal-artikolu 811(e), (f) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tal-istess kawza skond il-ligi;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tar-ritrattati ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Awtorita li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament ir-rikors interpost mir-ritrattant huwa null u irritu in kwantu fl-ewwel talba qeda tintalab ir-ritrattazzjoni ta' sentenza deciza fid-9 ta' Jannar 2009 li assolutament m'ghandha x'taqsam xejn ma dan il-kaz, essendo s-sentenza in kwistjoni inghatat fit-2 t'Ottubru 2012.

2. ILLI m'hemm assolutament ebda lok ghal ritrattazzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premessi stante li ma tezisti ebda wahda mir-ragunijiet ta' ritrattazzjoni elenkati mir-ritrattant fir-rlkors promotur u ghalhekk it-talbiet tar-ritrattandi huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti in toto, inter alia minhabba s-segwenti ragunijiet:-

i. Illi l-ewwel lanjanza tar-ritrattant tirrigwarda l-pronunzjament ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-konfront tal-ewwel aggravju imressaq mill-appellant,qua ritrattant, fl-appell minnu interpost quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Huwa jallega illi l-pjanta minnu sottomessa kienet turi l-pozizzjoni kollha korretta tas-sit u l-izvilupp propost u ghad-differenza ta' dak li kkonkludiet l-Onorabbli Qorti tal-Appell, ma kienx hemm allegazzjoni li dik l-pjanta ma kienitx korretta; u kwindi, skond ir-ritrattant, huwa car li d-decizjoni in kwistjoni hija effett ta' zball li jidher mill-atti, ghaliex mlll-istess atti jirrizulta iIli l-pjanta kienet korretta u dak li iddecidiet il-Qorti ma jiriflettix dan. Illi b'kull dovut rispett dan huwa tentattiv dghajjef ta' kontestazzjoni in kwantu dak illi effettivament jirrizulta mill-atti huwa propju illi l-pjanta sottomessa kellha diversi skorrettezzi u imprecizjonijiet, u dan huwa fatt illi gie sahansitra rikonoxxut mill-appellant, fejn fl-appell minnu interpost jirreferi ghal dak illi huwa isejjah bhala 'zball tekniku' illi tikkontjeni l-pjanta in kwistjoni u 'd-diffikultajiet' illi kienet ser iggib maghha din l-applikazzjoni. Illi huwa ghalhekk anke kontra-sens fih innifsu illi r-ritrattant qieghed issa jallega illi l-pjanta minnu sottomessa kienet korretta meta fl-appell minnu interpost kien huwa stess illi irrikonoxxia l-izbalji teknici illi kien fiha l-pjanta in kwistjoni.

ii. Illi fuq dawn l-izbalji teknici li kien fiha l-pjanta in kwistjoni, l-Onorabbli Qorti tal-appell ikkumentat illi, 'f'dan il-kaz jirrizulta li l-pjanti sottomessi ma kienux jaghtu

stampa cara tas-sit u l-lzvilupp propost u dan ghaliex is-site plan kif pprezentata ma kienitx turi l-footprint kollha fejn kien propost Ii jsir l-izvilupp il-gdid peress Ii l-linja tal-izvilupp kienet murija bhal dik ta' gewwa u mhux dik ta' barra, u wkoll Ii l-pjanti tal-applikazzjoni kienu jaghtu x'jifhem Ii l-izvilupp kien diga qieghed mibni fuq il-linja ta' barra fuq it-tlett livelli ezistenti u fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi li t-Tribunal ikkonstata ...'. Fir-rigward ta' dawn I-osservazzjonijiet illi ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-appell, ir-ritrattant jallega illi l-Oorti marret oltre dak illi gie deciz mill-istess Awtorita, il-ghaliex, skond I-appellant, I-Awtorita esponenti ddecidiet biss li kellhom jintwerew affarijiet ohra f'dawk iI-pjanti ...'. IlIi b'kull dovut rispett, huwa legalment inkoncepibbli ghall-esponenti kif jista' qatt jinghadli dawn il-kummenti illi ghamlet I-Onorabbli Qorti tal-appell imorru oltre dak Ii kien gie mitlub fl-appell u jammontaw ghal decizjoni fuq kwistjonijiet illi kienu ezkluzi rnill-atti processwali, meta hawn si tratta ta' decizjoni tal-Awtorita fuq il-modifika tal-permess tal-izvilupp tar-ritrattant propju minhabba dawn I-izbalji illi rrizultaw mill-pjanti minnu sottomessi.

iii. IlIi di piu, kien I-appellant stess, qua ritrattant, illi fl-appell tieghu, ghamel referenza ghal dawn l-izbalji teknici, propju sabiex isahhah l-aggravju tieghu illi tali zbalji ma kellhomx jammontaw ghal frodi fis-sens Ii trid il-Ligi, u ghaldaqstant l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha gustament tindaga fuq il-fondatezza o meno ta' dan l-aggravju - u kwindi kellha tistharreg x'kienu dawn l-izbalji u jekk l-istess jammontawx ghal frodi fis-sens illi jrid I-artikolu 39A tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta - Di fatti fis-sentenza ritrattata l-Onorabbli Qorti tal-appell kompliet tghid illi 'din il-Qorti thoss li saret applikazzjoni sew tal-ligi ghaliex mhux rikjest f'tali misinformazzjoni l-element ta' intenzjoni Ii jqarraq izda hija bizzejjed Ii din il-misinformazzjoni kienet rizultat ta' negligenza u din giet ipprovata fil-grad rikjest mill-ligi. Mela allura kien hemm interpretazzjoni sewwa tal-ligi f'dan il-kaz, u I-fatt Ii jirrizulta li ... kien hemm negligenza ... ma jfissirx Ii ma setghax u ma kellhux jigi applikat l-artikolu 39A tal-Kap. 356 fit-konfront tal-appellant. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

iv. Illi huwa ghalhekk evidenti illi dak illi r-ritrattant qieghed effettivament jattaka m'huwa xejn hlief l-ispjegazzjoni/gustifikazzjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell ghar-ragunijiet illi fuqhom kienet qed tirrespingi l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant stess. L-Onorabbli Qorti tal-Appell mhux talli ma zbaljatx meta ghamlet dawn il-kummenti, izda talli mxiet, gustament, mal-obbligu li ghandha li timmotiva d-decizjoni taghha.

v. Illi hija ukoll pjentament infondatal-allegazzjoni tal-appellant illi l-Onorabbli Qorti tal-appell applikat il-ligi hazin meta applikat d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 39A tal-Kap. 356 stante illi don l-artikolu ilu abborgat mit-2010. Illi bil-qima jinghad illi mertu tal-appell interpost quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, jirrigwarda decizjoni moghtija mill-Awtorita esponenti ai termini tal-artikolu 39A tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta; liema korp ta' ligi kien dak applikabbli fil-mument illi ittiehdet d-decizjoni mill-Awtorita esponenti. Illi fil-fatt kien ir-ritrattant stess illi fl-appell minnu interpost, sejjes wiehed mill-aggravji tieghu fuq l-allegazzjoni illi t-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar interpreta b'mod zbaljat din l-istess dispozzizjoni tal-ligi, u l-Onorabbli Qorti tal-Appell intalbet ghalhekk tistharreg jekk tali dispozizzjoni tal-ligi gietx interpretata u applikata korrettament mit-Tribunal, u dan kien propju dak li ghamlet il-Qorti fis-sentenza mertu ta' din r-ritrattazzjoni.

vi. Illi di piu fl-appell minnu interpost, ir-ritrattant qatt ma kkontesta l-applikazzjoni tal-Kap. 356 ghall-kaz tieghu, u fil-fatt ma ressaq l-ebda aggravju f'dan s-sens; anzi, l-aggravju mressaq mir-ritrattant kien jikkoncerna propju l-interpretazzjoni illi kellha tinghata tal-artikolu 39A tal-Kap. 356, u kwindi kien r-ritrattant stess illi irrikonoxxa l-applikazzjoni ta' dan il-korp ta' ligi ghall-kaz tieghu - in kwantu kien huwa stess li talab lill-Onorabbli Qorti tal-Appell tiddeciedi fuq interpretazzjoni li inghatat mit-Tribunal ta' dan l-istess artikolu tal-ligi; konsegwentament huwa ghal kollox skorrett illi r-ritrattant issa jallega li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazin wara li talab huwa stess lill-dina l-Onorabbli Qorti, tezamina l-interpretazzjoni li inghatat mit-Tribunal ta' dan l-istess artikolu, u aktar minn hekk, huwa skorrett illi r-ritrattant juza l-proceduri de

quo sabiex iressaq lanjanzi godda illi qatt ma tressqu fl-istadju tal-appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Ghax allura apparti kollox ikun qed jittenta appell minn appell meta huwa risaput li zgur li mhux dak l-iskop tar-ritrattazzjoni.

vii. Illi r-ritrattant jilmenta ukoll illi f'kaz illi tassew kellu japplika l-artikolu 39A tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Onorabbli Qorti tal-Appell xorta wahda applikat l-istess artikolu b'mod zbaljat, in kwantu kellu jigi applikat il-proviso tad-definizzjoni ta' 'frodi' u mhux id-definizzjoni sic et simpliciter; u dan peress, dejjem skond r-ritrattant, illi l-misraprezentazzjoni qarrieqa ma kellha l-ebda incidenza materjali fuq d-decizjoni originali. Illi f'dan r-rigward issir qabel xejn referenza ghas-sottomissjonijiet imressqa mill-esponenti b'risposta ghall-appell interpost mit-ritrattant fejn spjegat inter alia illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant it-Tribunal interpreta l-ligi korrettament meta interpreta d-definizzjoni ta' 'frodi' moghtija fl-artikolu 39A tal-Kap. 356. Skond l-interpretazzjoni moghtija mill-appellant, l-ezistenza ta' zball tekniku ma jwassalx ghall-frodi ai termini tal-artikolu citat. Pero bir-rispett kollu, huwa evidenti li t-Tribunal kien korrett fl-interpretazzjoni tieghu u dan ghaliex l-artikolu in kwistjoni jipprovdi illi: "fraud' means the submission to the Authority of any information, declaration or plan on the basis of which the Authority has approved a development permission where such information, declaration or plan is false, misleading or incorrect irrespective of whether such deceit is the result of a willful or negligent act." Dan ifisser li l-fatt innifsu li l-Awtorita tkun giet moghtija informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta skorretta a bazi ta' liema jkun gie approvat zvilupp ikun sufficjenti sabiex jiskatta dan l-artikolu, indipendentement mill-intenzjoni tal-applikant.

viii. Ghalhekk, it-Tribunal kien korrett fl-interpretazzjoni tal-ligi meta qal: "Minn dan johrog car li ghal dan l-artikolu tal-ligi l-kelma 'fraud' ghandha sinifikat partikolari hafna li tinkludi s-sottomissjoni ta' informazzjoni skorretta bi svista u mhux necessarjament b'intenzjoni qarrieqa."

ix. Illi di piu ftit li xejn jaghmel sens li jigi allegat li l-informazzjoni frawdolenti ma kellha l-ebda incidenza materjali fuq id-decizjoni originali meta hawn si tratta ta' zbalji fil-pjanta inifisha - u cioe zbalji f'wiehed mill-aktar dokumenti krucjali ghad-determinazzjoni tal-approvazzjoni o0 meno ta' permess ghall-izvilupp, in kwantu huwa dak id-dokument illi ghandu jindika bi precizjoni n-natura tal-izvilupp u s-sit fejn l-istess zvilupp ikun qed jigi propost.

x. IlIi tajjeb hawnhekk jigi sottolineat illi din l-informazzjoni skoretta illi r-ritrattant qed jallega li ma kellha l-ebda incidenza materjali fuq id-decizjoni originali tikkonsisti f'site plan li ma turix l-footprint kollha fejn kien propost li jsir l-izvilupp il-gdid (peress li l-linja ta' l-izvilupp kienet murija bhal dik ta' gewwa u mhux dik ta' barra), u kif wkoll pjanti li kienu jaghtu x'jifhem li l-izvilupp kien diga qieghed mibni fuq il-linja ta' barra fuq it-tlett livelli ezistenti. Kif jista qatt jinghad illi dawn l-izbalji ma kienux jincidu fuq id-decizjoni tal-esponenti meta permess ghall-izvilupp jigi approvat jew rifjutat propju abbazi ta' dawn il-pjanti?

xi. IIIi r-ritrattant jallega ukoll applikazzjoni hazina tal-ligi fir-rigward tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell illi permezz taghha cahdet it-tielet aggravju tal-appellant. IIli f'dan ir-rigward l-esponenti tibda billi taghmel referenza ghas-sottomissjonijiet imressqa fir-risposta tal-Appell minnha ipprezentata fejn spjegat illi:-t-Tribunal huwa kompost minn persuni teknici u ghalhekk kien korrett li ghadda biex evalwa l-linji tal-bini sabiex jigi stabilit fil-mertu jekk fil-fatt l-Awtorita gietx moghtija informazzjoni skorretta jew le. B'dan, it-Tribunal m'agixxiex bl-ebda mod oltre l-poteri moghtija lilu. Huwa wara kollox kompitu li jaqa’ fi hdan il-mansjoni u s-setghat tat-Tribunal illi fid-diterminazzjoni tal-appell interpost quddiemu, iqies 'kull haga ohra ta' sustanza, komprizi konsiderazzjonijiet ambjentali, estetici u sanitarji li jista jikkonsidera rilevanti (vide l-artikoli 41 u 69 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta'Malta). In oltre, l-artikolu 39A(3) jaghti lill-applikant id-dritt t'appell minn decizjoni mehuda mill-Awtorita ai termini tal-artikolu 39A pero dan l-istess subartikolu ma jillimitax il-poteri moghtija lit-Tribunal li jimmodifika l-permess in vista tal-fatti pprezentati quddiemu.

xii. Ir-ritrattant jallega li t-tielet aggravju minnu imressaq gie kompletament skartat mill-Qorti tal-Appell tant li dik il-Qorti lanqas biss dahlet fil-kwistjoni imqajma mir-ritrattant u minflok iddecidiet li tara jekk kienx hemm smigh xieraq minhabba li ma kienx instema' George Delmar, mentri x-xhieda ta' George Delmar ma kellha assolutament xejn x'taqasm mal-aggravju dwar l-ultra petita u n-nuqqas ta' smigh xieraq, u fil-fatt dan lanqas biss kien issemma fir-rikors tal-appell ghal quddiem l-Qorti tal-Appell. Illi dwar dan, l-esponenti umilment tissottometti illi huwa bizzejjed llli issir referenza ghas-sentenza mertu ta' din ir-ritrattazzjoni sabiex jigi ikkonfermat kemm din l-allegazzjoni hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt.

xiii. Illi fil-fatt mill-qari tas-sentenza jirrizulta bic-car illl l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkunsidrat, fid-dettal, it-tielet aggravju sollevat mir-ritrattant, u ttrattat u ddecidiet dwaru, l-Onorabbli Qorti tal-appell, fil-fatt irriteniet 'iIli dwar it-tielet aggravju ma jirrizultax skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 39A tal-Kap. 356 ma jirrizultax li t- Tribunal huwa limitat bil-mod li qed jipprettendi l-appellant u dan qed jinghad anke in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 39A tal-Kap. 356 u wkoll l-artikolu15(1)(c) u l-artikolu 33 tal-Kap. 356 u ghalhekk dan l-aggravvju wkoll qed jigi michud'.

xiv. Illi in kwantu ghall-allegazzjoni tar-ritrattant li x-xhieda ta' George Delmar, il-case officer inkarigat fuq l-applikazzjoni in kwistjoni, ma kellha assolutament xejn x'taqasm mal-aggravju imressaq mill-appellant, u fil-fatt dan lanqas biss kien issemma fir-rikors tal-appell ghal quddiem l-Qorti tal-appell, din ukoll m'hi xejn hlief allegazzjoni inveritjiera, in kwantu kien ir-ritrattant stess li qajjem din il-kwistjoni (koncernanti x-xhieda ta' dan il case officer), fl-appell minnu interpost. F'dan l-istadju, qed issir referenza verbatim ghal dak sottomess mir-ritrattant fl-appell minnu interpost fejn ilmenta illi 't-Tribunal mhux biss naqas li jikkonsidra u jiddeciedi l-ilment tal-appellant li huwa ma kienx ircieva smigh xieraq kif kien intitolat ghalih quddiem l-Awtorita imma mbaghad kif jirrizulta bic-car minn dak li qieghed jigi sottomess naqas li jircievi smigh xieraq quddiem l-istess Tribunal. In partikolari r-rifjut tat-

Awtortta' li tisma' x-xhieda tal-case officer inkarigat mill-kaz wassal ghall-pregudizzju serju li bata l-appellant fis-smigh tal-kaz tieghu quddiem l-istess Awtorita. L-Awtorita semghet il-kaz minghajr ma tat opportunita shiha u xierqa lill-appellant li jirrispondi u dan meta l-akkuza kienet li huwa kien ipperpetra frodi u ghallhekk is-sejbin ta' htija kien jinnecessita grad ta' prova serju u strett, haga li kjarament naqset milli taghmel l-istess Tribunal. Huwa ghallhekk wisq evidenti li l-appellant ma nghatax smigh xieraq quddiem l-Awtorita.

xv. llli l-Qorti gustament ezaminat dan il-punt sollevat mill-appellant stess, u ikkonkludiet illi 'dwar l-ilment li l-appellant qed isostni li ma inghatax smigh xieraq fil-kors tal-appell u wkoll fil-kors tal-proceduri quddiem il-Bord, jinghad li din bl-ebda mod ma giet sostanzjata quddiem l-istess Tribunal minkejja li l-ilment tal-appellant kien proprju dwar dan. Dan irendi dan l-aggravju inattendibbli f'dan l-istadju. Jinghad ukoll li fejn l-ilment odjern jirreferi ghall-proceduri quddiem it-Tribunal stess, dawn assolutament ma jirrizultawx tant li jidher li fil-verbal tal-10 to' Ottubru 2007 kien sar differiment sabiex jsiru provi mill-appellant Leonard Cassar ghas-16 ta' Jannar 2008 u ssemew in partikolari l-Perit Patrick Calleja li effettivament xehed fl-istess seduta, izda l-case officer George Delmar ma jidhirx li gie mharrek ghal-istess seduta. Fid-19 ta' Mejju l-appellant indikat bhala Leonard Cassar talab li fin-nuqqas ta' presenza tal-avukat tieghu jkun jista' jikkonsulta mieghu "sabiex jara hux ser jerga' jharrek lil George Delmar fuq is-sit in kwistjoni" u l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar laqa' t-talba u halla l-kaz ghat-30 ta' Lulju 2008. F'din is-seduta la deher l-appellant u lanqas id-difensur tieghu izda deher proprju ix-xhud imsemmi George Delmar u l-appell gie differit ghas-26 ta' Novembru 2008; fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2008 Dr. Philip Magri ghall-appellant prezenta biss affidavit tal-Perit Patrick Calleja u wara li l-appell gie differit diversi drabi ghall-provi tal-appellant, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2009, xehed l-appellant Leonard Cassar li wara li talab l-allegazzjoni ta' xi files in konnessjoni mal-izvilupp mertu tal-appell, iddikjara li "m'ghandhux provi aktar", u ghalhekk jidher car li huwa stess naqas li jressaq bhala

xhud lill-imsemmi George Delmar. Huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti allura insostenibbli l-ilment tal-appellant fir-rikorstal-appell li l-Awtorita naqset li tisma' x-xhieda tal-case officer inkarigat mill-kaz u dan kien ta' pregudizzju ghall-appellant,meta fil-verita dan in-nuqqas mill-atti jidher li kien dovut lill-appelant stess li inghata diversi opportunitajiet li jressaq ix-xhieda tieghu, inkluz tal-imsemmija persuna, li wkoll attendiet, izda meta deher l-appellant innifsu ma kienx prezenti, u wara jirrizulta li ma nsistiex iktar ghas-smigh tieghu. B'hekk dan l-aggravju huwa wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt u hawn il-Qorti ser tieqaf hawn u toqghod fuq il-verbali fuq citati fil-praceduri quddiem l-ewwel il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u mbaghad quddiem it-Tribunal.'

xvi. Illi in vista tal-brani tas-sentenza sopracitati, kif ukoll ir-ragunijiet suesposti, isegwi ukoll illi huwa altroche evidenti li l-ilment tal-appellant li l-Qorti tal-Appell iddecidiet kwistjonijiet li qatt ma gew imressqa quddiemha hija allegazzjoni pjenament infondata fil-fatt u fid-dritt, in kwantu jirrizulta bl-aktar mod car u limpidu li l-Qorti tal-Appell ma trattat u iddecidiet xejn hlief l-ilmenti imressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell minnu interpost u l-punti sollevati mill-Awtorita esponenti b'risposta ghal dan r-rikors.

3. Illi mill-assiem tas-suespost jirrizulta bic-car illi kontrarjament ghal dak allegat mir-ritrattant, is-sentenza mertu ta' din r-ritrattazzjoni, hija gusta u ekwa u timmerita konferma fl-intier taghha, u ghalhekk, mhux biss ghandhom jigu respinti l-lanjanzi tar-ritrattant bhala nfondati fil-fatt u fid-izda talli hemm lok li r-ritrattand jigi akkollat id-doppie spese.

4. In fatti hi l-umli sotttomissjoni tal-esponenti li huwa car u manifest li r-ritrattandi m'hu qed jaghmel xejn hlief jabbuza bis-sistema gudizzjarja nostrana u jittenta, kontra kull principju u ligi, il terzo appello. Huwa car li r-rikors tar-ritrattand huwa wiehed fieragh u vessatorju u per tant hemm lok li l-istess ritrattand jigi akkollat id-doppie spese ai termini tal-artikolu 223(4) Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma pjenament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu respinti in toto bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Daqstant ghandha l-unur l-Awtorita esponenti x'tirrileva ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Dan ir-rikors ta’ ritrattazzjoni qed jattakka sentenza ta’ din il-Qorti stess moghtija fit-2 ta’ Ottubru 2012 liema sentenza kkunsidrat u ddecidiet l-appell mressaq mir-rikorrenti odjern kontra d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-13 ta’ Ottibru 2011.

**Eccezzjoni preliminari**

L-Awtorita eccepiet in-nullita tar-rikors ta’ ritrattazzjoni peress illi fit-talba r-rikorrenti rrifera ghal data zbaljata tas-sentenza li minnha kien qed jinterponi l-imsemmi rikors. Din l-eccezzjoni ma fihiex mertu peress illi hu caar illi l-vertenza hi fuq id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta’ Ottubru 2012 kif hu rifless fl-atti kollha.

**Mertu**

Ir-rikorrenti qed jibbaza dan ir-rikors fuq tlett aggravji principali li jirrizultaw mill-artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Qed isostni li d-decizjoni hi effett ta’ zball ta’ fatt (artikolu 811(l); id-decizjoni inghatat fuq haga mhix imdahhla fit-talba (artikolu 811(f)); sentenza applikat hazin il-ligi (artikolu 811(e)). Dawn l-aggrvji ser jigu trattat wahda wahda.

Qabel xejn bhala punt ta’ partenza jinghad illi l-istitut ta’ ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali inkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li ‘res judicata pro veritate habetur’. Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-remedju tant straordinarju ghandu dejjem

jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993, minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza **Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et** gie osservat li:

'L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi – prim'istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci ttielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir- Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza (Koll Vol. XLIII – I – 227) haga li mhux permessa mill-ligi' ritrattazzjoni'.

Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza **Mark Causon vs Carmel Portelli noe et**, b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li:

'Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn i-lkontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak ilgudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew ilgustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur … Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Koll. Vol. XXVII – I – 818).

**Aggravji skond l-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12**

Dan l-artikolu jghid hekk:

811(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza

Ghar-rigward tat-talba bazata fuq zball ta' fatt intqal fil-kawza **Mifsud vs Zahra**'deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Gunju, 1954 (Vol. XXXVIII.I.323):

'Illi mill-ezami ta' l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta' fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg, kif jikteb Mattirolo Vol.IV, Pag 825):–

(1) Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;
(2) Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball;
(3) Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cioe', li jimergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;
(4) Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant; jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza, u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest tkun tista tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; u
(5) Illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta kontoversja jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet, u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.

Fil-kawza **Borg vs Borg**, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' April, 1998, inghad b'approvazzjoni tat-taghlim ta' **Mortara** illi:
'l'errore di fatto e' un vero errore dei sensi; il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste o ha fondato la sua convinzione sul presupposto della

inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell'intelletto sulle carte del processo'.

Fil-kawza **Cassar vs Azzopardi**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' April, 1996, inghad, b'approvazzjoni tat-teorija ta' **Galdi**, illi:

'Il guidice ha il debito di giudicare secundum allegata et probata e percio' l'errore gli e' imputabile e vizia la sentenza quando risulta dagli atti che gli sono stati presentati. Ma il guidice non ha l'obbligo di indovinare il contenuto di documenti o atti che non furono legalment sottoposti ai suoi riguardi'.

Ir-rikorrenti qed jallega illi l-pjanti sottomessi kienu sostanzjalment korretti u mhux erronei li l-Qorti invece iffraintendiet l-aggravju mressaq quddiemha ghax il-kwistjoni kienet dwar elementi li kellhom jew ma kellhomx jintwerew fil-pjanti, mhux li l-pjanti kienu inkorretti.

Din il-Qorti tirrileva li bla dubbju l-pjanti kienu l-qofol tal-kwistjoni kollha li nducew l-Awtorita tiehu l-passi li hadet skond l-artikolu 39A tal-Kap. 356. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha meta kienet qed titratta l-ewwel aggravju tal-appellant cioe d-definizzjoni ta' frodi msemmija fl-artikolu 39A tal-Kap. 356 kienet qed tezamina d-decizjoni tat-Tribunal fl-ottika ta' dak li jiddisponi l-artikolu 39A cioe li frodi tinkorpora informazzjoni mhux korretta anke jekk ma saritx bl-intenzjoni li tqarraq. Il-Qorti imbaghad irreferit ghal pjanti cioe l-mertu tal-azzjoni mehuda mill-Awtorita a bazi tal-artikolu 39A u qalet testwalment li "il-pjanti sottomessi ma kienux jaghtu stampa cara tas-sit u l-izvilupp propost ghax is-site plan kif prezentata ma kinitx turi l-footprint kollha fejn kien propost li jsir l-izvilupp il-gdid peress illi l-linja tal-izvilupp il-gdid kienet murija bhala dik ta' gewwa u mhux dik ta' barra, u wkoll il-pjanti tal-applikazzjoni kienu jaghtu x'jifhem li l-izvilupp kien diga mibni fuq il-linja ta' barra fuq it-tlett livelli ezistenti".

Harsa lejn id-decizjoni tat-Tribunal tat-13 ta' Ottubru 2011 f'pagna 17 fil-hames paragrafu, hemm elenku tal-

omissjonijiet fil-pjanti li fil-fehma tal-Awtorita kienu jsarrfu ghal misinformazzjoni. Meta tqis dak li qalet il-Qorti tal-Appell ma' dak li qal u kkonferma t-Tribunal bhala nuqqasijiet, jidher li l-Qorti tal-Appell kull ma ghamlet hu illi fil-kostatazzjoni taghha tan-nuqqasijiet riskontrati mit-Tribunal affermathom hi qua prova ta' fatt li qieset li n-nuqqas tal-applikant li jindika sew l-izvilupp u li l-pjanti jirriflettu ezatt l-estensjoni tal-izvilupp kienu jekkwivalu ghal misinformazzjoni u kwindi frodi skond il-ligi.

Il-Qorti tal-Appell ma bbazatx id-decizjoni taghha fuq fatti zbaljati izda jekk l-omissjonijiet fil-pjanti u li dwarhom ma sar ebda appell, fil-fehma tal-Qorti kienu riflessi b'mod iehor fattwalment fil-progett u jekk dawn igibux is-sanzjoni tal-artikolu 39A tal-Kap. 356 ghax l-izvilupp ma kienx ser jirrifletti l-pjanti fil-permess.

Il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li thares mill-liema ottika thares lejha, nuqqas fil-pjanti anki jekk mhux b'intenzjoni li tqarraq li a bazi taghha jkun hareg l-izvilupp u li fattwalment l-izvilupp ma jirrizultax kopert mill-pjanti, kien iggib is-sanzjoni tal-artikolu 39A.

Is-sanzjoni tal-artikolu 811(l) tal-Kapitoli 12 tigi mehuda meta d-decizjoni nfisha tkun ittiehdet fuq zball grossolan u manifest fl-atti. F'dan il-kaz il-Qorti ma kkommettiet ebda zball izda poggiet fi kliem differenti dak li kien gie dikjarat mill-Awtorita u kkonfermat mit-Tribunal qua omissjonijiet u l-effetti fuq l-izvilupp kif approvat.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Aggravju skond l-artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12**

Dan l-artikolu jghid hekk:
811(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin; għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar

interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni

Illi, dan premess u precizat, japplika ghall-kaz odjern dak illi qalet dina l-Qorti, diversament komposta, fis-segwenti silta mis-sentenza taghha tat-tlieta (3) ta' Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe** ghar-rigward tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12:
'… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin'. (Ara **AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D.**, App. 27/3/2003; **Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri**, App. 2/6/2003; u **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et**, App. 10/10/2003).

Ir-rikorrenti qisu jaghti x'jifhem illi minn imkien il-Qorti tal-Appell applikat artikolu tal-ligi abrogat ghal kaz in kwistjoni. Jigi rilevat illi l-appell li ghamel l-appellant, cioe r-rikorrenti, sar precizament a bazi tal-artikolu in kwistjoni cioe l-artikolu 39A u jekk kienx applikabbli fic-cirkostanzi tal-kaz u l-proceduri mxew meta l-artikolu in kwistjoni kien gia kien abrogat ghax bl-Avviz Legali 512/10 dan l-artikolu gie abrogat fit-30 ta' Ottubru 2010. Pero r-rikorrenti ma ghamel ebda aggravju dwar din il-kwistjoni quddiem it-Tribunal jew il-Qorti tal-Appel dwar dan li qed jitqajjem issa fir-ritrattazzjoni.

Il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti illi saret applikazzjoni hazina tal-ligi ai termini tal-artikolu 811(e) peress illi d-decizjoni mehuda mill-Awtorita precizament fuq l-artikolu 39A u li minnha nibtu l-proceduri kollha sa din prezenti, ittiehdet fl-2006 meta l-artikolu 39A kien in vigore u ghalhekk applikabbli ghal kaz fil-mument li ttiehdet id-decizjoni u kwindi torbot lil partijiet sakemm ma jkunx hemm decizjoni kuntrarja minn appell li sar kemm quddiem it-Tribunal u l-Qorti tal-Appell.

Ma saret ebda applikazzjoni hazina tal-ligi fl-appell soggett ghal din il-procedura ghax il-ligi applikata kienet dik mertu tal-appell istitwit fuq l-istess artikolu ta' ligi li kien il-mertu tal-procedura mehuda mill-Awtorita bis-sahha tal-ligi kif kienet fl-2006 mill-appellant illum rikorrenti f'dawn il-proceduri. Il-fatt li l-proceduri ta' appell mid-decizjoni tal-Awtorita baqghu ghaddejjin ma jfissirx illi dak deciz mill-Awtorita jitlef l-effikacja tieghu u ghandu jigi injorat.

Ghalhekk dak li applikat il-Qorti kienet il-ligi kif kienet meta ttiehdet id-decizjoni mill-Awtorita, soggetta din id-decizjoni ghal appell skond il-ligi. Din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Ottavio Suda vs Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Konsumatur et**, deciza fis-17 ta' Ottubru 2008 fejn qalet hekk:
Huwa sew maghruf, dottrinalment u gurisprudenzjalment, illi l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet, sew dawk *ex contractu* jew *ex lege*, "*si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*". Ara "**Filomena Borg *et* -vs- Antonio Borg *et***", Appell Civili, 28 ta' Gunju, 1907. Ammenokke, allura, ma jinghadx xort'ohra, hu principju generali anke fl-ordinament taghna, illi, ghax *tempus regit actum*, id-dixxiplina ta' fatt hi assoggettata ghan-normattiva taz-zmien li fih dak l-istess fatt isehh.

Ir-rikorrenti jilmeta wkoll li subordinatament l-applikazzjoni hazina tal-ligi kienet tikkonsisti fil-fatt illi l-Qorti kellha tapplika l-proviso tal-artikolu 39A(2) li jghid li fejn il-frodi ma kellhiex incidenza fuq il-permess, l-istess permess kellu jibqa' invigore.

Il-Qorti tinnota li r-rikorrenti mhux qed ighid li l-Qorti applikat artikolu hazin tal-ligi jew artikolu b'iehor izda qed jittanta jerga jiftah il-mertu tal-appell li l-Qorti tal-Appell ikkonsidrat u ddecidiet fuqu billi applikat l-artikolu 39A ghax dehrilha li kien gie interpretat tajjeb mit-Tribunal u l-fatt li seta' kien hemm negligenza kontributorja tal-Awtorita ma jeskludix l-applikazzjoni tal-artikolu 39A. Del resto jigi rilevat illi l-appellant ma qajjimx din il-kwistjoni specifika tal-artikolu 39A(2) quddiem il-Qorti tal-Appell u kif inhu maghruf il-Qorti tista' tissindika biss l-aggravji mid-decizjonijiet tat-Tribunal fuq punt ta' ligi mressqa quddiemha. L-aggravju tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Appell hu biss fuq l-interpretazzjoni tal-kelma 'frodi' u mhux jekk u hemmx dan il-frodi ncidietx fuq il-permess kif irid l-artikolu 39A(2).

Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi michud.

**Aggravju skond l-artikolu 811(f) tal-Kapitolu 12**

Dan l-artikolu jghid hekk:

811(f) jekk is-sentenza tkun ġiet mogħtija fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba

Kif qalet il-Qorti ta' Appell, tat-12 ta' Lulju, 1965 fl-ismijiet **Joseph Gatt -vs- Joseph Galea**:

'F'okkazjonijiet ohra din il-Qorti ssenjalat il-principju maghruf illi l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenzi f'kawzi joqghod rigorozament fl-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, a meno che non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva ex officio.'

Fis-sentenza fl-ismijiet **Melita Cable plc vs Awtorita` ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni**, Appell Civili (Inferjuri), 13

ta’ Frar, 2009, il-Qorti, wara li ghamlet referenza ghad-decizjoni hawn fuq imsemmija qalet illi:

‘Jinzel minn din l-enuncjazzjoni illi jinkorri f’vizzju ta’ ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta’ l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli ex officio. Wisq ragonevolment, dan ma jfissirx illi l-gudikant hu b’xi mod ristrett milli jindividwa n-natura ezatta ta’ l-azzjoni jew li jqieghed ghab-bazi tal-pronuncjament tieghu konsiderazzjonijiet ta’ dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva taghhom, ghax tali fakulta` taqa’ fl-attribuzzjonijiet tieghu. Jinghad, di fatti, fost it-taghlim tal-Mattirolo illi ‘non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motivi in fatto che emergono dagli atti della causa’. (‘**Marchese Riccardo Cassar Desain nomine -vs- Giovanni Spiteri’**, Appell Civili, 25 ta’ Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-gudikant jibqa’ fl-argini ta’ dak lilu domandat jew eccepit’.

Ir-rikorrenti fil-qosor qed jallega illi l-appel li kellu quddiemu t-Tribunal kien wiehed car cioe li l-Awtorita applikat hazin l-artikolu 39A billi ma hux applikabbli mentri t-Tribunal mar oltre u apparti li qabel mal-applikazzjoni tal-artikolu 39A biddel dak li kienet imponiet l-istess Awtorita fil-permess minghajr ma kien hemm appell fuq is-sustanza tad-decizjoni per se tal-Awtorita u minghajr mal-partijiet inghataw l-opportunita li jkunu jafu l-materja li ser tigi deciza, li ghandu iwassal ghal vjolazzjoni ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq u huwa ultra petita.

Harsa lejn l-appell li kien ressaq ir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Appell li hu l-mertu ta’ dan l-aggravju, l-istess rikorrenti jallega li l-mansjoni tat-Tribunal kienet biss li jiddeciedi kienx hemm frodi u mhux imur oltre u jiddeciedi fuq il-mertu tal-permess billi jbiddel dak li ppronunzjat ruhha fuqu l-Awtorita ghax tali poter tat-Tribunal ma johrogx mill-artikolu 39A u anqas kien l-iskop tal-appell

quddiem l-istess Tribunal. Ghalhekk it-Tribunal hareg barra l-vires tieghu u cahhad lir-rikorrenti mid-dritt ta' smigh xieraq.

Il-Qorti tal-Appell, kuntrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrent, jidher li fehmet x'kienu l-ilmenti tar-rikorrenti fl-appell quddiem it-Tribunal. Fil-fatt tibda mill-permess u tghid illi l-linja tal-binja kienet relevanti ghal soluzzjoni tal-vertenza. Fuq din il-linja fil-fatt kien jiddependi jekk il-permess skond il-pjanti esebiti kienx jirrifletti l-izvilupp jew kellux jigi applikat l-artikolu 39A.

Il-Qorti fid-decizjoni taghha ghalhekk waslet ghal konkluzzjoni illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu kkostata b'mod validu fil-ligi illi l-Awtorita ma eccedietx il-poteri moghtija bl-artikolu 39A ghax applikat tajjeb l-artikolu tenut kont tal-fatti li rizultaw. Il-Qorti tal-Appell kull ma ghamlet hu li kkonstatat illi dawn il-kwistjonijiet gew dibattuti mill-partijiet kif del resto l-istess Qorti rrimarkat meta rriferit ghar-ragunijiet elenkati mix-xhud Mario Scicluna ghall-Awtorita u b'referenza ghall-ahhar tlett paragrafi ta' pagna 18 tad-decizjoni tat-Tribunal fejn il-Qorti sostniet li kien hemm smigh xieraq tenut kont tal-provi migjuba quddiem it-Tribunal u xiehda prodotta.

In kwantu ghall-aggravju illi r-rikorrenti jallega li l-Qorti tal-Appell ma fehmitx sew il-kwistjoni tal-ultra vires, l-appell minnu interpost quddiem it-Tribunal hu car. L-allegazzjoni tal-ultra petita f'dak l-appell kienet tirreferi biss ghal fatt illi t-Tribunal ma kellix poter ibiddel dik li l-Awtorita tkun iddecidiet dwar permess. Fil-fatt ighid testwalment fl-appell quddiem it-Tribunal:
L-unika kwistjoni rimessa lilu u li kellu dritt jiddeciedi kienet jekk l-Awtorita kinitx validament applikat l-artikolu 39A jew le. Jekk sab li dak l-artikolu kien validament applikat kellu jieqaf hemm u ma jmurx oltre. Meta t-Tribunal ippretenda li jmur oltre kien mhux biss qed jagixxi barra l-vires tieghu imma kien qed jiddeciedi affarijiet li ma kienux gew rimessi lilu u ma kienx qed jigu dibattuti quddiemu".

L-aggravju kif impostat mir-rikorrent quddiem it-Tribunal gie indirizzat mill-Qorti kif migjub quddiemha u ddecidiet li l-ligi kienet tippermetti li t-Tribunal jiddeciedi kif iddecieda a bazi tal-artikolu 15(1)(c) u l-artikolu 33 tal-Kap. 356 liema applikazzjoni ta' ligi mhiex qed tigi attakkata f'dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni. Wara kollox din il-Qorti tirrileva illi d-decizjoni tal-Awtorita ttiehdet b'mod holistiku a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 39A. La darba r-rikorrenti attakka l-applikazzjoni ta' dak l-artikolu, implicitament kien qed jattakka r-rizultanzi kollha tal-Awtorita. It-Tribunal a bazi tal-artikoli fuq imsemmija fir-revizjoni ta' din id-decizjoni kien inkarigat implicitament li jezamina u jiddeciedi b'mod shih u komplessiv jekk l-applikazzjoni tal-artikolu 39A saritx sew u jekk il-konkluzjonijiet li johorgu minn tali applikazzjoni kienux konformi mal-ligijiet u policies, la darba r-rikorrenti ghazel li jattakka b'mox generiku l-applikabilita tal-imsemmi artikolu.

In oltre l-istess Qorti dahlet fil-kwistjoni jekk b'daqshekk it-Tribunal illediex id-dritt ghal smigh xieraq u rriferit ghal xhud li r-rikorrent naqas li jipproduci nonostante diversi differimenti ghal provi tar-rikorrenti u dan peress illi fl-appell quddiem it-Tribunal ir-rikorrenti qal li n-nuqqas ta' smigh xieraq kien jirreferi in partikolari ghal case office u r-rifjut tal-Awtorita li tisimghu. Din il-kwistjoni wkoll dahlet fiha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha u rravizat li ma kien hemm ebda nuqqas ta' smigh xieraq.

Il-Qorti ghalhekk fehmet sew l-ilment tar-rikorrent fuq il-kwistjoni tas-smigh xieraq u ultra vires u mhux lecitu ghar-rikorrenti f'dan l-istadju li jerga' jqajjem dak li hu lmenta minnu quddiem il-Qorti tal-Appell liema lanjanzi kif gia inghid gew indirizzati mill-Qorti u nstab li ebda wahda mill-aggravji ma kienu gustifkati, u dan ghar-ragunijiet cari hemm moghtija.

Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tichad ir-rikors ghal ritrattazzjoni ta' Leonard Cassar, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------